MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 322/2008

**Complete Supplies Ltd** (C-15472)

**Vs**

**Synergene Technologies Ltd** (C-26108)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ April 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija u disa` u ghoxrin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€329.81), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi u bl-ispejjes kollha.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex dik konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u disa` u ghoxrin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€329.81), bl-ispejjez kollha u bl-interessi kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------